# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta' Lulju, 2002.**

**Numru 63**

**Citaz. Nru. 1981/00GV**

Doc. Nru. 287-02

**Mary Muscat mart Joseph.**

**vs**

**Louis Galea.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi favur l-attrici jezisti kreditu dovut mill-konvenut u liema debitu hu cert likwidu u skadut, u kontra din it-talba ghall-hlas tal-istess kreditu ma tezisti l-ebda eccezzjoni la legali u l-anqas fuq il-fatt;

Premess illi dan il-kreditu jammonta ghall-hamest elef lira li l-konvenut kien obbligat li jghaddi lill-attrici, wara li sar ftehim bejniethom li l-konvenut kellu jhallas l-ammont imsemmi appena jinbiegh fond il-Mosta, liema somma kienet tirrapprezenta nofs somma akbar li l-konvenut kien approprija ruhu minnha indebitament minn wirt li kien jappartjeni lill-kontendenti, u llum definittivament avverat ruhha l-kundizzjoni li ghandu jsir il-hlas.

Premess illi ghal dan il-kreditu hija applikabbli c-citazzjoni sommarja, bid-dispensa mis-smiegh u dan skond l-artikolu 167 tal-Kap 12.

Ghaldaqstant l-attrici talbet li din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-istess konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef lira li l-konvenut kien obbligat li jghaddi lill-attrici, wara li sar ftehim bejniethom li l-konvenut kellu jhallas l-ammont imsemmi appena jinbiegh fond il-Mosta, liema somma kienet tirrapprezenta nofs somma akbar li l-konvenut kien approprija ruhu minnha ndebitament minn wirt li kien jappartjeni lill-kontendenti, u llum defintitavament avverat ruhhu l-kundizzjoni li ghandu jsir il-hlas, u dan bid-dispensa tas-smiegh skond kif provdut fl-artikolu 167 tal-Kap 12.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Billi l-Qorti kien deherilha li l-konvenut kellu fuqhiex jikkontesta t-talba attrici (fol. 8) hi kienet taghtu zmien biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi fl-ewwel lok, huma bbazati fuq obbligazzjoni naxxenti mill-iskrittura li ghaliha ssir referenza mill-attrici, liema skrittura hija nulla u bla ebda effett fil-ligi stante illi hija minghajr kawza a tenur ta' l-artikolu 987 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghas-sahha tal-argument dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi l-imsemmija skrittura hija perfettament valida, l-istess skrittura hija vaga hafna u fl-ebda istanza din ma taghmel referenza ghall-wirt citat mill-attrici ;

3. Illi in oltre l-istess skrittura tikkontempla l-bejgh tal-fond bin-numru 9 gewwa Rotunda Square, Mosta mill-partijiet flimkien, filwaqt illi l-partijiet ghal din il-kawza resqu ghall-bejgh tal-ishma taghhom

separatament stante illi ma setghax jintlahaq ftehim bejniethom tant illi d-dhul tal-attrici mill-bejgh tas-sehem taghha ecceda l-valur tar-rikavat tal-bejgh ta' sehem l-esponenti ;

4. Illi fit-tielet lok, il-konvenut qatt ma pproprija ruhu mis-somma ta' flus meritu ta' din il-kawza indebitament, bensi' dawn il-flus kienu gew moghtija lilu bhala donazzjoni mid-decuius f'hajjitha;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-affidavit li pprezenta l-konvenut u dak ta' martu minn imkien ma tirrizulta xi kontestazzjoni dwar il-kontenut ta' l-iskrittura, huma qed jeccepixxu li l-iskrittura hija nulla ghax bla kawza. Fix-xhieda taghhom ma jsemmu xejn dwar dina l-iskrittura u lanqas ma jghidu ghaliex m'ghandhomx ihallsu l-ammont indikat fl-iskrittura li huma jammettu li kienet saret ghand in-Nutar. Huma qed jghidu biss li l-iskrittura kienet intiza biex xi darba l-kontendenti jersqu ghall-bejgh tal-fond flimkien.

Ghalkemm il-konvenut fil-verbal a fol. 8 kien infurma lill-Qorti li huwa kien ser jipprezenta kontrotalba fejn kien ser jattakka l-validita' ta' l-iskrittura in kwistjoni, fil-fatt hu pprezenta biss l-eccezzjonijiet bla ebda kontrtotalba biex tigi dikjarata nulla l-iskrittura.

Gie dejjem ritenut mill-Qrati taghna li wiehed ghandu jiddistingwi bejn dik li hi nullita' assoluta u nullita' *ipso iure*, u dik li hi annulabilita,' u hu saput li *trattandosi* ta' annullabilita' (bhal ma hu l-kaz prezenti) l-istess ma tistax tigi sollevata *per via* d'eccezzjoni izda b'istanza separata (ara Vol LXV111 p2 p 252). Il-konvenut ma pprezenta ebda kontrotalba.

Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jghid li l-iskrittura tikkontempla l-bejgh tal-fond bin-numru 9 gewwa Rotunda Square, Mosta mill-partijiet flimkien, filwaqt illi l-partijiet ghal din il-kawza resqu ghall-bejgh tal-ishma taghhom separatament stante illi ma setghax jintlahaq ftehim bejniethom.

L-iskrittura pero' tghid biss li l-komparenti Louis Galea ftiehem li meta tinbiegh id-dar tal-Mosta, mir-rikavat ghandha tithallas nofs s-somma ta' Lm10,000 lill Mary Muscat flimkien ma l-interessi. Imkien ma jissemma li l-biegh kellu jsir mill-partijiet flimkien.

L-attrici semmiet ir-raguni ghaliex kien sar dan il-ftehim, u cioe' billi l-konvenut ma kellux flus, l-attrici accettat li tistenna sakemm tinbiegh id-dar biex il-konvenut ikollu flus biex ihallas id-debitu li kellu. L-attrici spjegat dettaljatament fl-affidavit taghha x'kien dana d-debitu u l-konvenut kien accetta li jiffirma l-iskrittura ezibita. Il-konvenut kien qed jistenna sakemm jigi in pussess tal-flus wara li tinbiegh d-dar biex ikun jista jhallas lill-attrici. Ghalkemm il-bejgh tad-dar sar, il-konvenut baqa' ma hallasx lill-attrici.

Kwantu ghall allegazzjoni ta' konvenut li hu m'ghandux jaghti s-somma mitluba billi d-dhul ta' l-attrici mill-bejgh tas-sehem taghha ecceda l-valur tar-rikavat tal-bejgh ta' sehem il-konvenut, il-Qorti tirrileva li dana jikkonferma l-posizzjoni li hadet l-attrici li ma tbieghx hlief bl-ahjar prezz.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill konvenut ihallas lill attrici is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000);

bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**